

Rikors ippreżentat fil-10 ta' Ġunju 2014 – Gres La Sagra vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-407/14)**

(2014/C 253/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet****Rikorrenti:** Gres La Sagra, SL [Alameda de la Sagra (Toledo), Spanja] (rappreżentant: A. López Gómez, avukat)**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni li tikklassifika d-diversi miżuri fiskali miġbura taħt l-isem ta' Sistema Spanjola tat-Taxxa tal-Lokazzjoni bħala għajjnuna mill-Istat ġdida u inkompatibbli mas-suq intern;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikoli 1 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata, li jidentifikaw lill-entitajiet investituri fil-gruppi b'interess ekonomiku bħala benefiċjarijji uniċi ta' din l-allegata għajjnuna u, għalhekk, bħala l-uniċi suġġetti għall-obbligu ta' rkupru;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn jordna l-irkupru tal-allegata għajjnuna bi ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn jiddeċiedi dwar il-legalità tal-kuntratti privati konklusi bejn l-investituri u entitajiet oħra, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma l-istess bħal dawk invokati fil-Kawża T-401/14, Duro Felguera SA vs Il-Kummissjoni.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2014 – Venatto Design vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-408/14)**

(2014/C 253/70)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet****Rikorrenti:** Venatto Design, SL (Toledo, Spanja) (rappreżentant: A. López Gómez, avukat)**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni li tikklassifika d-diversi miżuri fiskali miġbura taħt l-isem ta' Sistema Spanjola tat-Taxxa tal-Lokazzjoni bħala għajjnuna mill-Istat ġdida u inkompatibbli mas-suq intern;